



EUROPEAN CENTRAL BANK
BANKING SUPERVISION

Direttorat Ġenerali Finanzi
Taqsimha Baġit u Kontroll

BĊE-PUBBLIKU

[Dan il-messaġġ qiegħed jintbagħat bl-awtorizzazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew]

Jekk jogħġbok uża din il-link

https://www.bankingsupervision.europa.eu/pdf/291fab8ddc7235156598/html/index_en.html jekk tixtieq taqra l-ittra b'lingwa oħra.

Għażiż/a Sinjur/a,

Qegħdin niktibulek fil-kompetenza tiegħek ta' debitur tariffarju reġistrat mal-[portal onlajn tat-tariffi superviżorji](#) tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

Nixtiequ ngħarrfuk li l-BĊE dan l-aħħar aġġorna t-[Taqsimha tat-tariffi superviżorji](#) fil-websajt tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE. Fiha tagħrif siewi bil-lingwi kollha tal-UE, inklużi:

- (i) [formoli](#) u [struzzjonijiet aġġornati](#) għas-sottomissjoni tal-fatturi tariffarji għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji 2019;
- (ii) l-ammont totali ta' tariffi annwali: fit-30 ta' April 2019 il-BĊE ppubblika d-deċiżjoni tiegħu dwar l-[ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2019](#) u pprovda tagħrif addizzjonali taħt [Tariffi annwali totali](#)
- (iii) gwida Prattika addizzjonali fit-[Taqsimha tal-mistoqsijiet komuni](#);
- (iv) dettalji dwar il-ħruġ ta' tagħrif [relat ma' avviżi tariffarji u ħlas](#).

Nixtiequ nieħdu din l-opportunità biex infakkruk fid-dati tal-għeluq importanti li jmiss fir-rigward tat-tariffi superviżorji tal-BĊE.

Id-debituri tariffarji għandhom jissottomettu t-tagħrif dwar il-fatturi tariffarji tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) sat-1 ta' Lulju 2019 billi jużaw il-[formoli](#) aġġornati li jinsabu fil-websajt tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE. Id-debituri tariffarji għandhom jissottomettu l-fatturi tariffarji bid-data ta' referenza tal-31 ta' Diċembru 2018.

Id-debituri tariffarji huma mitlubin javżaw lill-BĊE sat-1 ta' Lulju 2019 b'kull tibdil fid-dettalji ta' kuntatt tagħhom għas-sottomissjoni tal-avviż tariffarju. Dan għandu jsir permezz tal-[portal onlajn tal-BĊE](#). Hu

Bank Ċentrali Ewropew
Email: SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu
60640 Frankfurt am Main
Ġermanja

Websajt: www.bankingsupervision.europa.eu

essenzjali li żżomm id-dettalji ta' kuntatt tiegħek aġġornati, b'mod partikolari l-indirizz tal-*email* tiegħek, billi l-BĊE jikkomunika mad-debituri tariffarji bil-posta elettronika. Meta tiċċekkja d-dettalji ta' kuntatt tiegħek, għandek ukoll tivverifika, tibdel jew taġġorna d-dettalji tal-metodu ta' f'las (IBAN u BIC) jekk tixtieq li t-tariffi superviżorji jiġu debitati direttament mill-BĊE. Jekk tkun trid taġġorna l-isem tal-entità legali tiegħek, jekk jogħġbok ibgħat *email* lil SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu.

Il-gruppi ta' superviżjoni għandhom ikunu jafu li d-data tal-għeluq biex jinnominaw debitur tariffarju ġdid, jew biex jaġġornaw il-formola tan-nomina ta' debitur tariffarju li tkun intbagħtet preċedentement lill-BĊE minħabba bidla fil-kompożizzjoni tal-grupp, hi l-1 ta' Lulju 2019. Jekk jogħġbok avża lill-BĊE billi tissottometti jew (i) il-[formola ġdida ta' notifika ta' debitur tariffarju](#), jew (ii) il-[formola semplifikata ta' notifika ta' debitur tariffarju](#) li sservi bħala aġġornament tal-formola pprovduta preċedentement f'każ li l-istruttura tal-grupp tespandi, i.e. tinkludi l-kunsens bil-miktub ta' kull sussidjarju ġdid għall-ħatra tad-debitur tariffarju nominat preċedentement. M'hemmx għalfejn tintbagħat il-formola tan-nomina ta' debitur tariffarju jekk l-istruttura tal-grupp ta' superviżjoni ma nbidlitx (i.e. ebda entità ġdida ta' superviżjoni ma saret parti mill-grupp) u d-debitur tariffarju nominat fil-passat għadu jaġixxi għall-grupp ta' superviżjoni.

Bħas-sena l-oħra, id-dejta tal-fatturi tariffarji mibgħuta lill-NCA se tkun disponibbli għar-reviżjoni mid-debituri tariffarji kmieni f'Awwissu qabel ma titqies fil-kalkolu tat-tariffi superviżorji individwali għall-2019. Ikollok ħamest ijiem tax-xogħol biex tagħmel il-kummenti tiegħek dwar id-dejta tal-fatturi tariffarji jekk tqis li din ma tkunx korretta. L-avviż tat-tariffi superviżorji tal-BĊE se jintbagħatlek elettronicament f'Ottubru 2019. Għall-konvenjenza tiegħek, se tirċievi notifiċi bil-posta elettronika meta l-fatturi tariffarji u l-avviż tariffarju jkunu disponibbli fil-portal onlajn. Inħeġġuk tikkonferma l-validità tal-kredenzjali tiegħek lill-portal bil-quddiem. Jekk ikollok problemi bl-IT – bħal nuqqas ta' awtorizzazzjoni jew *password* li għalqet – jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tim tal-assistenza teknika hawn SSM.SupervisoryFees@ecb.europa.eu.

Għal mistoqsijiet dwar l-obbligi tiegħek jew kwistjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mat-tariffi superviżorji, jekk jogħġbok ara [l-websajt tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE](#). Il-BĊE hu lest ukoll jipprovdilek l-għajjnuna meħtieġa, preferibbilment permezz tal-posta elettronika (SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu).

Tislijiet,

It-tim tal-BĊE – Mistoqsijiet dwar it-tariffi tal-MSU